*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 26 – 15 ta' Jannar 2026**

***Minuti tal-ħamsa u għoxrin laqgħa tal-Kunsill tad-disa' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar is-15 ta' Jannar 2026 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-6:30pm ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 26. Il-laqgħa bdiet fis-6:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Philip Scicluna** | Kunsillier |
| | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Mario Attard** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Il-Perit Anthony Gatt** | |

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

26.1 PC12/25 – Site Triq Ħal Mula k/m Triq Michael Debono k/m Triq iż-Żebbuġa l-Bajda

Din il-Planning Control Application diġà kienet diskussa f'laqgħat oħra. Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li kif inhi l-art diġà hija allokata għall-community use u għaldaqstant din l-art tista tkun żvilluppata fi skola, dar tal-anzjani, sport facilities eċċetra. Ir-residenti oġġezzjonaw. Kif diġà ġara f'każijiet preċedenti, jekk joħroġ permess għal dar tal-anzjani, jingħataw mill-anqas zewġ sulari oħra aktar milli hemm diġà mibni fl-akwati.

L-iżvilluppatur għamel kuntatt mas-Sindku mas-SE u sussegwentement laqgħa fejn dan informa lilhom li lest jagħti parti minn din l-art f'forma ta' binja, ġnien u parkeġġ lill-Kunsill. Permezz ta' komunikazzjoni bil-miktub l-istess kuntrattur, qal li lest li jagħti b'titolu 250metru kwadru ġnien, 250 metru kwadru sala livell mat-triq, u 80 parkeġġ lill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament fil-prinċipju pero iħoss li l-ewwel irid jispjega ċ-ċirkustanzi lir-residenti billi isejjaħ laqgħa ta' konsultazzjoni magħhom. Il-Kunsill possibbilment għandu jintalab spazju miftuħ akbar.

Dan kollu sar bi proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondat mill-Viċi-Sindku Joseph Agius.

Ser issir laqgħa mar-residenti tal-akwata fit-22 ta' Jannar 2026 ġewwa l-iskola Primarja.

25.8 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata għat-3 ta' Frar 2026. Din il-laqgħa spiċċat fit-8:05pm.

**Steve Zammit Lupi** **Paula M. Valletta**

**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**

,